MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1556/2005

**Paul Axisa**
**Vs**
**Anthony Betts**

It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat fit-22 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-attur in kwantu propjetarju tal-vettura b'numru ta' registrazzjoni CAE-028 talab hlas tas-somma ta' Lm455.95 rapprezentanti danni sofferti f'incident li sehh fis-27 ta' Lulju 2003 bejn din l-imsemmija vettura u dik b'numru ta' registrazzjoni BTS 471 misjuqa mill-konvenut, bl-imghaxx u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut Anthony Betts li permezz taghhom cahad ir-responsabbilita ghall-incident mertu tal-kawza.

Ra d-degriet tas-27 ta' Ottubru 2005 fejn gie ordnat li x-xhieda f'din il-kawza ghandha tapplika wkoll fil-kawza

Leopold Pillow vs Justin Axisa (Avviz Numru 1607/2005) liema kawza kienet qed tinstema flimkien ma dik odjerna.

Ra l-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta’ Jannar 2006 meta l-partijiet iddikjaraw li mhux qed jikkontestaw il-kwantum tad-danni reklamati.

Ra x-xhieda tal-PS John Micallef, Justin Axisa, Tylor Axisa, Paul Axisa, Anthony Betts u Audrey Cutajar.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidera.

Din hija kawza li tikkoncerna incident li sehh fis-27 ta’ Lulju 2003 fi Triq Xatt Pieta bejn il-vettura CAE-028 propjeta ta’ l-attur misjuqa minn Justin Axisa u l-vettura BTS-471 misjuqa mill-konvenut, liema vetturi kienu sejrin fid-direzzjoni ta’ l-Imsida. Bhala rizultat ta’ din il-kollizjoni l-vettura tal-konvenut daret b’mod li spiccat thares fid-direzzjoni li minnha kienet gejja. In oltre waqt li kienet qed idur laqtet vettura ohra bin-numru TFD-998 li kienet ipparkjata.

Skond Justin Axisa huwa kien qed isuq fil-karreggjata ta’ barra b’xi ghoxrin jew tletin mil fis-siegha filwaqt li l-konvenut kien qed isuq fil-karreggjata ta’ gewwa. Il-vettura tal-konvenut kienet distanza ta’ xi kwart ta’ karozza l’ quddiem minn dik misjuqa minn Justin Axisa. L-istess Justin Axisa jghid li f’daqqa wahda l-konvenut, biex jevita kollizjoni ma’ vettura li kienet quddiemu u li b’manuvra bruska dahlet fi Triq Zammit Clapp, gibed ghal fuq il-karreggjata ta’ barra u b’hekk sehhet il-kollizjoni. Justin Axisa jghid li mad-daqqa hu, ghalkemm ikun liebes is-seatbelt, habat rasu mal-windscreen.

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid li hu kien ghaddej fil-karreggjata ta’ gewwa, ghaddej b’velocita ta’ xi ghoxrin mil fis-siegha meta f’daqqa wahda l-vettura li kienet quddiemu kisret ghal go Triq Zammit Clapp. Hu (il-konvenut) aghfas

il-*break* filwaqt li baqa fil-karreggjata tieghu. Malli ghamel hekk hass daqqa minn wara u bid-daqqa dar *anticlockwise* biex spicca jhares fid-direzzjoni li kien gej minnha. Waqt li kien qed idur laqghat il-vettura TFD-998 li kienet ipparkjata.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-versjoni mghotija mill-konvenut hija aktar verosimili u dan mhux biss minhabba l-attendibilita jew meno tax-xhieda prodotti u partikolarment il-mod kif xehed Justin Axisa imma anke tenut kont ta' hsarat kagunati fil-vetturi in kwistjoni u l-mod kif daret il-vettura tal-konvenut.

Konsegwentement it-Tribunal jiddikjara li l-incident sehh minhabba tort ta' Justin Axisa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u jichad it-talbiet attrici. L-ispejjez ikunu u karigu ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------